# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2022

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 94/2021 ISB**

**Nazzareno Muliet (ID: 626647M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Nazzareno Muliet**, intavolat fil-11 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex *prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni tordna lir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta):-*

*i. Jerġa' jdaħħal l-isem tas-soċjetà* ***Centaur Company Limited (C-16962)*** *fir-Reġistru tal-Kumpaniji ; u*

*ii. Tordna lill-istess Reġistratur jagħmel il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivament tal-inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji u dana kollu taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Salv għal kull provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi r-rikorrenti iffirma numru ta' kuntratti u skritturi mas-soċjetà Centaur Company Limited (C-16962) li kienet topera minn Casa Millieri, Triq il-Ġiżi, Swieqi;*

2. *Illi r-rikorrenti trasferixxa lill-istess soċjetà proprjetà immonnli ossija l-fondi numru 72, Triq il-Katidral, Sliema b'dan illi l-ħlas għall-imsemmi trasferiment kien regolat minn skrittura separata li kienet tistabilixxi relazzjoni ta' sehem mill-profitti bejn ir-rikorrenti u l-kumpanija fuq indikata (ara dokument anness u mmarkat Dok A);*

3. *Illi minkejja diversi wegħdi da parti tal-azzjonisti tal-imsemmija kumpanija, kif ukoll diversi trattattivi biex jintlaħaq ftehim, dan il-ftehim qatt m'avvera ruħu;*

4. *Illi r-rikorrenti sar jaf ukoll illi l-kumpanija ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mis-27 ta' Ġunju, 2020;*

5. *Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'dan il-fatt peress illi bħala kreditur tal-kumpanija huwa għandu interess li l-isem tal-imsemmija soċjetà jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex huwa jkun jista' jipproċedu ġudizzjarment kontra l-istess.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 6).

Rat **id-digriet** tagħha tas-17 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fil-12:15 p.m., u fejn kienet

ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-24 ta' Jannar 2022 (ara tergo ta` fol 8).

Rat illi fit-8 ta' Frar 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 9) bid-dokument hemmek anness (fol 14 sa fol 30), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Centaur Company Limited (C 16962) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-2 ta' Novembru tas-sena 1994;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, fil-fatt l-aħħar prospett annwali reġistrat huwa tas-sena 2007 u l-aħħar kont annwali huwa tas-sena 2005;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex tikteb lill-kumpanija sabiex tavża illi l-isem tal-istess kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweries raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħter l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Casal Millieri, Triq il-Ġiżi, Swieqi STJ 03, Malta, kif ukoll liż-żewġ diretturi tagħha Alfred Camilleri fl-indirizz Casal Millieri, Triq il-Ġiżi, Swieqi STJ 03, Malta u Rennie Azzopardi fl-indirizz Cloverdale, Triq il-Pluviera San Ġwann, Malta nhar it-18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lid-diretturi fuq l-istess indirizzi reġistrat, fis-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumoanija ġiet infurmata jekk kienetx għadha qed topera skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji ġia la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha u in piu' il-kumpanija ġiet*

*infurmata illi f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fiżmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi Nazzareno Muliet qatt ma oġġezzjona għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta' qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat wara tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġsitru sempliċiment għall-benefiċċju. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat tal-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi ta' din il-kumpanija hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal* ***Euro 13,485.10*** *filwaqt li l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammonta għal* ***Euro 4,876.11*** *biex b'hekk l-ammont totali dovut hu dak ta'* ***Euro 18,361.61***

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidhol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m'għandiex oġġezzjoni għal dan u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrenti ikun fil-pożizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-kumpanija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2022, deher l-Avukat Sean Zammit għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza d-difensur tar-rikorrenti ppreżenta nota (fol 35) b'affidavit (DOK NM1, fol 36 sa fol 38) u rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimat li in vista taċ-ċirkostanzi mhux qed toġġezzjona għat-talbiet rikorrenti.

Rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi b'effett mis-27 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjeta **Centaur Company Limited (C-16962)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjeta` msemmija Centaur Company Limited (C-16962), fl-ammont mhux likwidat li jeħtieġ jiġi komputat kif indikat fir-rikors promotur, li jirriżulta minn skrittura privata li kienet tistabbilixxi relazzjoni ta' sehem mill-profitti bejn ir-rikorrenti u l-istess kumpanija, kollox kif jirriżulta mix-xhiedha mressqa u mid-dokumenti esebiti.

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Centaur Company Limited (C-16962) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

Illi fl-affidavit tiegħu r-rikorrenti Nazzarenu Muliet jispjega li hu kien il-propjetarju ewlieni tal-fond bl-indirizz 72, Triq il-Katidral, Tas-Sliema li hu ttrasferixxa lis-soċjeta` Centaur Company Limited u ġie miftiehem illi bħala ħlas ir-rikorrent kellu jingħata żewġ appartamenti finished u żewġ car spaces, kif ukoll persentaġġ li jammonta għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-qligħ tal-blokka sħiħa. Jgħid li l-partijiet għamlu skrittura privata quddiem l-istess Nutar li fiha ftehmu il-persentaġġ ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) kif ser jinħadem.

Jispjega li l-proġett dam iktar milli kien mistenni sabiex tlesta u la darba tlesta huwa avviċina lil Alfred Camilleri (in rapprezentanza tas-socjeta' msemmija) sabiex jiġi ffinalizzat it-trasferiment tal-propjetajiet imwiegħda, iżda dan ma seħħx. Jgħid li f'Mejju tas-sena 2020 l-istess Alfred Camilleri kien offrielu s-somma ta' €250,000 għas-saldu ta' dak li kellu jingħata iżda r-rikorrenti ma aċċettax dan, u għalhekk l-unika għażla li għandu fiċ-ċirkostanzi hija li jipproċedi kontra l-kumpannija biex jieħu dak li hu dovut lilu.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi ma jkunx

sewwa illi jsiru proċeduri bħal dawn meta l-istess rikorrent ikun konxju illi l-kumpannija li isimha hekk ikun gie kanċellat ma jkollha ebda assi.

Ikkunsidrat Ulterjorment:

**L-Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet sew ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Centaur Company Limited (C-16962) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrenti għandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u li, jekk irid jinghad kollox, ir-rikorrent naqas milli jipproċedi kontra l-istess kumpannija sabiex jissalda l-kreditu tiegħu u eventwalment jitħallas, anke jekk in effetti,

l-affidavit tar-rikorrent juri li kien meta huwa mar biex jagħmel dan li ntebaħ li l-kumpannija kienet ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi ma għandux ikun aċċettat illi kredituri jeżerċitaw id-dritt tagħhom ai termini tal-Artiklu 325(4) meta jkunu jafu illi l-kumpannija ma jkollix assi – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, huwa diffiċli li wieħed jikkonkludi li l-kumpannija filfatt għandhiex assi stante li fir-risposta tiegħu r-Reġistratur intimat indika li l-kumpannija ilha mill-2007 ma tagħti rendikont tal-assi tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Centaur Company Limited (C-16962) minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrent għandu l-interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti tosserva wkoll li permezz ta' dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tiegħu, ir-Reġistratur intimat, ddikjara fl-ahhar udjenza li mhux qiegħed joġġezzjona għat-talbiet rikorrenti.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpannija Centaur Company Limited (C-16962) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-rikorrenti ifalli mid-dmirijiet u l-obbligi tiegħu biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' din il-kumpannija.

Ir-rikorrenti għandu jkun ben konxju ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Centaur Company Limited (C-16962) lura fuq ir-Registru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Centaur Company Limited (C-16962)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Centaur Company Limited (C 16962)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrenti huwa mistenni illi jinizjala, jsegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Centaur Company Limited (C-16962)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**